C/2024/5689

20.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11678 — KBC BANK / BNP PARIBAS FORTIS / JOYN INTERNATIONAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5689)

1. Fit-13 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KBC Bank NV ("KBC Bank", il-Belġju), ikkontrollata minn KBC Group NV (il-Belġju),

— BNP Paribas Fortis NV ("BNPPF"; il-Belġju), ikkontrollata minn BNP Paribas SA (Franza),

— Joyn International NV (minn hawn 'il quddiem "Joyn", il-Belgium).

KBC Bank u BNPPF se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Joyn kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— KBC Bank hija parti minn KBC Group, grupp integrat ta' assiguraturi bankarji li jiffoka fuq klijenti bl-imnut, privati u korporattivi.

— BNPPF hija fornitur ta' servizzi bankarji u finanzjarji għal klijenti fil-livell tal-konsumatur, korporattivi u istituzzjonali. BNPPF hija parti mill-BNP Paribas Group, grupp bankarju globali attiv fis-servizzi bankarji għall-konsumatur, il-ġestjoni tal-assi u s-servizzi, kif ukoll fis-settur bankarju korporattiv u ta' investiment.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Joyn huma dawn li ġejjin:

— toffri kard ta' lealtà diġitali u servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni relatati lill-bejjiegħa bl-imnut lokali.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jeħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

(M.11678 — KBC BANK / BNP PARIBAS FORTIS / JOYN INTERNATIONAL)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË